

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kammergericht Berlin (il-Ġermanja) fit-22 ta' Lulju 2009 — DEB Deutsche Energiehandels- und Beratungsgesellschaft mbH vs Ir-Repubblika tal-Ġermanja**

(Kawża C-279/09)

(2009/C 267/54)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Kammergericht Berlin

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: DEB Deutsche Energiehandels- u Beratungsgesellschaft mbH

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Ġermanja

**Domanda preliminari**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej intalbet, skont l-Artikolu 234 KE, tiddeċiedi fir-rigward ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari:

Peress li l-istruttura nazzjonali tal-kundizzjonijiet legali għall-għoti ta' kumpens għal danni u tal-proċedura għal kawża għad-danni kontra l-Istat abbażi tad-dritt Komunitarju, ma tistax tagħmel il-kisba ta' kumpens għad-danni, abbażi tal-prinċipju tar-responsabbiltà tal-istat, prattikament impossibbli jew eċċezjonalment diffiċli, huwa problematiku li leġiżlazzjoni nazzjonali tissuġġetta l-eżerċizzju ta' rimedju legali għall-ħlas ta' depożitu fuq l-ispejjeż u tipprovdi li ma tistax tingħata għajnuna legali lil persuna ġuridika li ma tkunx tinsab f'pożizzjoni li tħallas dan id-depożitu?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fl-24 ta' Lulju 2009 — Proċeduri kriminali kontra R**

(Kawża C-285/09)

(2009/C 267/55)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Parti fil-kawża prinċipali**

R

**Domanda preliminari**

1) L-Artikolu 28ċ(A)(a) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE (<sup>1</sup>) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-“VAT”) għandha tiġi rrifjutata fir-rigward ta' kunsinna ta' merkanzija

fis-sens ta' din id-dispożizzjoni li huwa stabbilit li seħħet iżda li fir-rigward tagħha huwa stabbilit ukoll, fid-dawl ta' provi oġġettivi, li l-bejgiegħ suġġett għat-taxxa

- kien jaf li permezz tal-kunsinna kien qiegħed jipparteċipa f'operazzjoni involuta fi frodi tal-VAT jew
- ħa miżuri sabiex jaħbi l-identità tal-vera persuna li qed takkwista sabiex din tal-aħħar, jew terza persuna, tkun tista' twettaq frodi tal-VAT?

(<sup>1</sup>) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank van Koophandel te Brussel (Il-Belġju) fis-27 ta' Lulju 2009 — Francesco Guarnieri & Cie vs Vandevelde Eddy VOF**

(Kawża C-291/09)

(2009/C 267/56)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank van Koophandel te Brussel.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Francesco Guarnieri & Cie.

Konvenuta: Vandevelde Eddy VOF

**Domandi preliminari**

- L-Artikoli 28, 29 u 30 tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, tal-25 ta' Marzu 1957, jipprekludu li rikorrent ta' nazzjonalità ta' Monako li jressaq proċeduri legali għall-ħlas ta' kontijiet maħruġa għall-kunsinna ta' “twister-glazen” u ta' xemgħat żgħar u aċċessorji, ikun mehtiegħ, fuq talba ta' konvenut ta' nazzjonalità Belġjana, jagħti garanzija għall-ħlas ta' spejjeż u ta' danni li jirriżultaw mill-proċeduri li huwa jista' jiġi kkundanat iħallas?

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hof van Cassatie van België fid-29 ta' Lulju 2009 — Vlaamse Gemeenschap vs M. Baesen**

(Kawża C-296/09)

(2009/C 267/57)

Lingwa tal-kawża: L-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Hof van Cassatie van België